# L-iżgurar tal-ġustizzja għall-vittmi ta' reat ta' mibegħda: perspettivi professjonali

## Sommarju



*L-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxi d-dritt għad-dinjità tal-bniedem; l-Artikolu 10 jipproteġi d-dritt tal-individwi għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon u l-Artikolu 21 jipprevedi d-dritt għan-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 47 jispeċifika li l-individwi għandhom id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.*

Reat ta' mibegħda huwa l-espressjoni ta' diskriminazzjoni l-aktar severa u abbuż ewlieni tad-drittijiet fundamenali. L-Unjoni Ewropea (UE) uriet id-determinazzjoni tagħha li tindirizza r-reat ta' mibegħda permezz tal-leġiżlazzjoni bħad-Deċiżjoni Qafas 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali. Madanakollu, il-maġġoranza tar-reati ta' mibegħda mwettqa fl-UE jibqgħu ma jiġux irrapportati u għalhekk jibqgħu inviżibbli, u b'hekk iħallu lill-vittmi mingħajr rimedju.

Huwa essenzjali li atti bħal dawn jiġu pprevenuti, iżda huwa daqstant ieħor important li jiġi żgurat li l-vittmi jkollhom aċċess għall-ġustizzja Dan ifisser li jitħallew jirrapportaw l-esperjenzi tagħhom lill-istituzzjonijiet kompetenti, u wara jingħataw l-appoġġ li jkollhom bżonn. Fl-istess ħin reat ta' mibegħda għandu jiġi investigat fil-pront u b'mod effettiv, u l-atturi għandhom jiġu kkastigati.

*"X'jiġi l-ewwel iċ-ċifri jew il-fiduċja? Jekk m'għandekx il-fiduċja li tirrapporta, iċ-ċifri tiegħek qatt mhuma ser jitilgħu, u jekk iċ-ċifri tiegħek ma jitilgħux, mela qatt m'inti ser tinvesti permezz ta' riżorsi u flus. Tibqa' sempliċiment iddur u tagħqad fi ċrieki."* (Uffiċjal tal-pulizija, ir-Renju Unit)

Dan is-sommarju jippreżenta s-sejbiet ewlenin mir-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar *L-iżgurar tal-ġustizzja għall-vittmi ta' reat ta' mibegħda: perspettivi professjonali.* Ir-rapport jiddeskrivi intuwiti minn diversi esperti, inklużi rappreżentanti tal-qrati kriminali, uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi, il-pulizija u organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti fl-appoġġ tal-vittmi ta' reati ta' mibegħda. B'dan il-mod, jixħet dawl fuq il-kumplessitajiet li

## Metodoloġija

Is-sejbiet tar-rapport huma bbażati fuq riċerka bbażata biss fuq ir-riċerka abbażi tad-dokumentazzjoni u intervisti ma' professjonisti mit-28 Stat Membru tal-UE kollha. Il-FRA ġabret id-data permezz tan-netwerk ta' riċerka multidixxiplinarju tagħha, Franet. Ir-riċerka abbażi tad-dokumentazzjoni eżaminat l-oqfsa legali u organizzattivi li bihom l-Istati Membri jindirizzaw ir-reat ta' mibegħda. Dan inkluda ħarsa lejn il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri fis-seħħ għall-indirizzar ta' reati ta' mibegħda u biex jittejjeb l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja, kif ukoll lejn il-każistika u l-informazzjoni rilevanti dwar servizzi ta' appoġġ disponibbli għall-vittmi. Inġabret ukoll informazzjoni dwar prattiki jew inizjattivi promettenti relatati mal-appoġġ għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda.

Ir-riċerka f'dan il-qasam saret bejn Awwissu tal-2013 u Frar tal-2014. Din ikkonkludiet 263 intervista semi-strutturata ma' esperti fit-28 Stat Membru tal-UE kollha. Dawn inqasmu fi tliet kategoriji: uffiċjali tal-pulizija; prosekuturi pubbliċi u mħallfin minn qrati kriminali; u esperti li jaħdmu għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi jew atturi tas-soċjetà ċivili b'mandat fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. L-intervisti saru wiċċ imb'wiċċ jew, f'każijiet rari, bit-telefon, u kienu bbażati fuq sett ta' mistoqsijiet dettaljati – magħluqin u miftuħin – ippreparati mill-FRA.

jaffaċċjaw il-vittmi huma u jiġu biex jirrapportaw kif ukoll fuq il-fatturi organizzattivi u proċedurali li jfixklu l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja u r-reġistrazzjoni u l-prosekuzzjoni xierqa ta' reat ta' mibegħda.

*"Dan il-messaġġ għandu jilħaq lill-mases. Sempliċiment ma tistax tagħti xebgħa lil xi ħadd minħabba l-kulur tal-ġilda, l-orjentazzjoni sesswali jew id-diżabbiltà tiegħu. Huwa pprojbit li tinsulta lil xi ħadd minħabba l-fatt li r-reliġjon tiegħu/tagħha hija differenti."* (Servizz ta' appoġġ għall-vittmi, il-Polonja)

# Sejbiet ewlenin u parir ibbażat fuq l-evidenza

## Fatturi ewlenin li jfixklu l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u miżuri għat-titjib tal-aċċess

Il-professjonisti intervistati ġew mistoqsija dwar liema fatturi jostakolaw lill-vittmi milli jirrapportaw u liema miżuri, fil-fehma tagħhom, għandhom il-potenzjal li jtebju b'mod sinifikanti l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja.

Il-fatturi li identifikaw jinvolvu erba' temi ewlenin:

- **Sensibilizzazzjoni lejn id-drittijiet u lejn is-servizzi ta' appoġġ disponibbli:** Kważi disgħa minn kull għaxar professjonisti intervistati jemmnu li hemm bżonn ta' miżuri biex titjieb s-sensibilizzazzjoni tal-vittmi ta' reati ta' mibegħda lejn id-drittijiet tagħhom u s-servizzi ta' appoġġ. Barra minn hekk, madwar sitta minn kull għaxra jemmnu li n-nuqqas ta' servizzi ta' appoġġ ifixkel l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja. Għaldaqstant, in-natura frammentata u mraqqa' tas-servizzi ta' appoġġ disponibbli toħroġ bħala fattur li jostakola b'mod sinifikanti l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja (ara Figura 1)

- **L-ilħuq tal-vittmi u ż-żieda tal-fiduċja tagħhom fl-awtoritajiet:** Tliet kwarti tal-intervistati jemmnu li l-vittmi huma skoraġġuti milli jirrapportaw għaliex ma jemmnux li l-pulizija ser titrattahom b'mod ta' simpatija u mingħajr diskriminazzjoni (Figura 1). B'hekk, erbgħa minn kull ħames professjonisti intervistati jemmnu li hemm bżonn li tissaħħaħ il-fiduċja tal-vittmi fil-pulizija; u tliet kwarti mill-intervistati jqisu bħala miżura neċessarja li jiġu indirizzati l-attitudnijiet diskriminatorji fi ħdan il-pulizija (Figura 2).

- **Miżuri prattiċi li jinkoraġġixxu r-rapportar ta' reat ta' mibegħda:** Il-professjonisti identifikaw diversi miżuri prattiċi bħala mezz promettenti ta' kif ir-rapportar jista' jiġi ffaċiltat, inkluż l-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati tal-pulizija jew ta' uffiċjali ta' kollegament u li jiġi permess rapportar fuq l-internet (Figura 2).

- **Tqajjim ta' sensibilizzazzjoni u fehim ta' offiżi kriminali ta' mibegħda fost il-professjonisti:** Madwar żewġ terzi tal-intervistati kollha jemmnu li l-pulizija u l-ġudikatura għandhom jieħdu r-reati ta' mibegħda b'aktar serjetà (Figura 2). L-intervistati indikaw li żewġ fatturi huma l-bażi ta' din il-valutazzjoni:
    - nuqqas ta' fehim profond tal-kunċetti u l-kategoriji legali li jiddefinixxu l-fenomenu ta' reat ta' mibegħda;
    - nuqqas ta' impenn għall-identifikazzjoni, prosekuzzjoni u impożizzjoni ta' pieni għal reati ta' mibegħda.

**Figura 1: Fehmiet tal-esperti intervistati kollha rigward il-fatturi responsabbli min-nuqqas ta' rapportar tal-vittmi ta' reat ta' mibegħda (N=263, % tat-tweġibiet kollha)**




*Mistoqsija:* *Il-fatturi li ġejjin huma raġuni għala l-vittmi ma jirrapportawx lill-pulizija: (Punti kif elenkati fil-figura)? Iżjed minn tweġiba waħda possibbli.*

*Sors:* *FRA, 2016*

**Figura 2: Fehmiet tal-esperti intervistati mill-gruppi professjonali kollha dwar il-fatturi li preżumibilment iżidu n-numru ta' vittmi li jirrapportaw għand il-pulizija (N=263, % tat-tweġibiet kollha)**




*Mistoqsija:* *Jekk jogħġbok indika liema minn dawn il-miżuri jistgħu jagħmluha iżjed faċli għall-vittmi ta' reati b'motivi ta' preġudizzju li jirrapportaw għand il-pulizija u għalhekk iwasslu għal żieda fin-numru ta' vittmi ta' reati b'motivi ta' preġudizzju li jirrapportaw għand il-pulizija.*
*Iżjed minn tweġiba waħda possibbli.*

*Sors:* *FRA, 2016*

## Opinjonijiet tal-FRA

L-opinijiet tal-FRA li ġejjin huma bbażati fuq opinjonijiet preċedenti maħruġa mill-aġenzija. Filwaqt li hawnhekk mhumiex repetuti, uħud minn dawn l-opinjonijiet preċedenti huma kkwotati tul ir-rapport uffiċjali dwar *L-iżgurar tal-ġustizzja għall-vittmi ta' reat ta' mibegħda: perspettivi professjonali.*

### L-iżgurar ta' approċċ iżjed komprensiv u koordinat biex jiġu stabbiliti servizzi ta' appoġġ lill-vittmi ta' reat ta' mibegħda.

Ħafna servizzi li jappoġġaw lill-vittmi ta' reat ta' mibegħda huma speċjalizzati ħafna, b'hekk l-appoġġ ipprovdut huwa kumpless, imraqqaq, frammentat u maqsum f'ħafna Stati Membri tal-UE. Servizz xieraq jista' jkun disponibbli għal uħud mill-vittmi f'reġjun wieħed partikolari, iżda mhux għal forom oħrajn ta' reati ta' mibegħda u f'reġjuni oħra. Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE) tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li servizzi ta' appoġġ xierqa jkunu disponibbli għall-vittmi kollha ta' reati ta' mibegħda. Hija tafda lill-gvernijiet bil-kompitu li jistabbilixxu mekkaniżmu li jikkoordina, jinkoraġġixxi, u joffri appoġġ finanzjarju għal inizjattivi mmirati biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi li għad m'għandhomx dawn is-servizzi disponibbli għalihom.

*"Il-fokus ewlieni fil-Litwanja huwa fuq id-drittijiet tal-persuni akkużati. M'hemm ebda fokus fuq id-drittijiet tal-vittmi [...] jenħtieġ li nagħtu iżjed attenzjoni lill-vittmi [...] Naħseb li qed tasal ftit wisq informazzjoni mingħand l-avukati, minn din in-naħa kollha, il-pulizija [...] ftit wisq informazzjoni dwar il-vittmi. Xi drabi qegħdin jiġu u ma jafux x'ser jagħmlu, meta, xiex, il-proċess innifsu. Meta tista' tiġi sottomessa talba ċivili. Għandhom bżonn avukat jew le, u fejn jistgħu jsibu lil dak l-avukat? Il-vittmi ta' reati vjolenti, jafu li jistgħu jingħataw kumpens mill-istat? Rari ħafna... Li tiġi pprovduta din l-informazzjoni kollha jenħtieġ li jkun wieħed mill-kompiti ewlenin."* (Imħallef, Il-Litwanja)

Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jaħdmu fil-qasam kontra d-diskriminazzjoni mhumiex neċessarjament konxji għal kollox mis-sitwazzjoni kumplessa tal-vittmi fi proċedimenti kriminali. Huwa importanti li l-vittmi jkunu appoġġati mill-NGOs li jistgħu jinfurmawhom dwar ir-rwol potenzjali tagħhom li jagħtu bidu u li jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali.

**L-opinjoni tal-FRA**

*Għall-vittmi ta' reat ta' mibegħda, l-Istati Membri tal-UE għandhom jagħmlu ħilithom biex jegħlbu, fejn teżisti, il-frammentazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u biex jiżguraw li servizzi ta' appoġġ xierqa jkunu disponibbli għall-vittmi kollha ta' reat ta' mibgħeda. Servizzi ta' appoġġ bħal dawn jenħtieġ li jgħaqqdu l-fehim tad-diskriminazzjoni u ta' politiki kontra d-diskriminazzjoni mal-kompetenza fil-kwistjonijiet tal-ġustizzja kriminali u s-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali.*

### L-ilħuq tal-vittmi u li dawn jiġu mħeġġa jirrapportaw

Il-professjonisti intervistati jaqblu li r-reati ta' mibgħeda mhumiex irrapportat biżżejjed u jaqblu wkoll dwar il-fatt għala l-vittmi ta' reat ta' mibegħda jsibuha bi tqila biex jirrapportaw, jew ma jirrapportawx lill-pulizija. Il-professjonisti jemmnu li dan huwa partikolarment diffiċli għall-vittmi ta' reat ta' mibegħda – kemm minħabba biża', ħtija jew mistħija u parzjalment minħabba l-fatt li għandhom nuqqas ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli.

*"Jekk ma nisimgħux biha, huwa diffiċli li nagħmlu xi ħaġa dwarha. Nagħmlu ħafna xogħol mal-imsieħba tal-ġustizzja kriminali kollha biex ninkoraġġixxu r-rapportar. Kemm jekk hu rapportar minn parti terza, online, permezz tar-rabtiet tagħna ma' gruppi ta' ugwaljanza, nispjegaw x'inhu reat ta' mibegħda u kif persuna għandha tirrapportah, u nippruvaw nibnu l-fiduċja, din hija xi ħaġa li nistgħu nagħmlu jekk jiġi rrapportat."* (Uffiċjal tal-pulizija, ir-Renju Unit)

Ladarba l-vittmi jsibuha daqshekk bi tqila biex jirrapportaw il-vittimizzazzjoni tagħhom, huwa kruċjali għas-servizzi tal-pulizija li jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-limitu ta' rapportar. Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex jindirizzaw dan. Dawn jinkludu, pereżempju, applikazzjonijiet tal-IT li jippermettu lill-vittmi jirrapportaw il-vittimizzazzjoni tagħhom lill-pulizija online u li jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati tal-pulizija li b'mod proattiv jilħqu lill-vittmi u jiżguraw li dawk li fil-fatt jirrapportaw jiġu ttrattati b'mod ta' simpatija u mingħajr diskriminazzjoni. Filwaqt li evalwazzjonijiet affidabbli ta' miżuri bħal dawn huma skarsi, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġu jadottaw kwalunkwe mekkaniżmu li huma jqisu l-iżjed promettenti u jagħmlu ċert li l-impatt tagħhom fuq ir-rati ta' rapportar huwa evalwat b'mod affidabbli.

L-opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jikkunsidraw iżidu l-isforzi tagħhom sabiex b'mod proattiv jilħqu lill-vittmi ta' reati ta' mibegħda u li jħeġġu r-rapportar ta' dawn ir-reati, inkluż billi jintroduċu għodod ta' rapportar online u jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati tal-pulizija.*

## Introduzzjoni ta' offiżi speċifiċi ta' reati ta' mibegħda fil-liġi kriminali

Ħafna mill-professjonisti intervistati jemmnu li jekk reat ta' mibegħda ma jiġix definit speċifikament, jiżdied ir-riskju li l-uffiċjali tal-pulizija ma jagħtux kas tal-motivi ta' preġudizzju. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali jenħtieġ li jirriflettu d-differenza fundamentali bejn reat li, minbarra li jikser drittijiet oħrajn tal-vittma, jikser ukoll id-dritt tal-individwu li ma jiġix diskriminat, u reat li ma jinvolvix aspett diskriminatorju. Divrenzjar bħal dan jitratta, fuq livell leġiżlattiv, bħala differenti dak li hu essenzjalment differenti u jaffettwa ċ-ċansijiet reali tal-vittmi li jiġu rikonoxxuti u li jingħataw aċċess għall-ġustizzja.

*"[Il-motivazzjoni preġudikattiva] hija meqjusa inqas importanti. Meta xi ħadd jiġi aggredit, dan jikkostitwixxi reat vjolenti u dan huwa fejn għandu jkun il-fokus u mhux fuq dak li ġara qabel il-bidu ta' l-attakk."* (Servizz ta' appoġġ għall-vittmi, in-Netherlands)

L-opinjoni tal-FRA

*L-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jevalwaw sa liema punt id-definizzjonijiet speċifiċi tal-liġijiet kriminali li jkopru l-iżjed forom frekwenti ta' reat ta' mibegħda, inklużi attakk, vandaliżmu u insult, jistgħu jiġu applikati biex jiġi żgurat li l-motivi ta' diskriminazzjoni tat-trasgressuri ma jiġux injorati. Jenħtieġ li jqajmu iżjed is-sensibilizzazzjoni fost il-professjonisti lejn il-ħtieġa li jirrikonoxxu lill-vittmi ta' reat ta' mibgħeda bħala vittmi ta' diskriminazzjoni severa.*

## Introduzzjoni ta' rapportar minn parti terza bħala mezz biex jingħeleb in-nuqqas ta' rapportar

Pubblikazzjonijiet preċedenti mill-FRA jiddeskrivu diversi rakkomandazzjonijiet biex jassistu lill-Istati Membri tal-UE fl-indirizzar tan-nuqqas ta' rapportar, inkluż l-ilħuq ta' individwi f'riskju ta' vittimizzazzjoni, l-iffaċilitar tar-rapportar billi jistabbilixxu kanali b'limitu baxx u l-istabbiliment ta' unitajiet speċjalizzati tal-pulizija biex jikkomunikaw mal-komunitajiet lokali.

Aspett wieħed li s'issa għadu ma deherx b'mod prominenti fid-diskors ta' mibegħda huwa l-possibbiltà li jitnaqqas il-piż għall-vittmi tar-rapportar billi jiġu offruti partijiet terzi – bħal NGOs li jiddefendu lill-vittmi ta' diskriminazzjoni – jidħru fil-proċedimenti ta' reat ta' mibegħda. Dan jista' jkun ukoll xieraq f'każijiet ta' diskors ta' mibegħda dirett mhux kontra individwi konkreti iżda kontra kategoriji ta' persuni jew gruppi kbar tal-popolazzjoni.

L-opinjoni tal-FRA

*Biex inaqqsu mill-piż għall-vittmi li jirrapportaw lill-pulizija u jippermettu lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jieħdu l-inizjattiva f'ċirkostanzi fejn ebda vittma ma tkun tista' tiġi identifikata, l-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa ħafna jikkunsidraw jippermettu azzjonijiet ta' interess pubbliku (actio popularis) biex partijiet terzi jkunu jistgħu jagħtu bidu għal proċedimenti kontra awturi ta' reat ta' mibegħda f'isem, jew b'appoġġ, tal-vittmi.*

*F'każijiet ta' diskors ta' mibegħda jew ċaħda, meta d-diskriminazzjoni tkun immirata lejn grupp jew kategorija astratta, u għaldaqstant mhux neċessarjament individwu, l-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu lill-NGOs jirrappreżentaw lill-vittmi ta' reat ta' mibegħda fi proċedimenti kriminali – fejn l-NGO tkun tista' tippreżenta evidenza f'isem il-grupp jew il-kategorija ta' individwi li ssir diskriminazzjoni kontrihom.*

## Evalwazzjoni tal-miżuri kollha li għandhom l-għan li jtejbu r-rapportar u r-reġistrazzjoni ta' reat ta' mibegħda

Ir-riċerka tiżvela nuqqas ta' evalwazzjoni robusta tal-miżuri eżistenti biex itejbu r-rapportar u r-reġistrazzjoni ta' reat ta' mibegħda. Filwaqt li ħafna mill-Istati Membri tal-UE ħadu forma ta' azzjoni – nedew kampanji ta' informazzjoni, stabbilixxew unitajiet speċjalizzati u kanali ta' rapportar, żviluppaw għodod ta' rapportar online – ħafna drabi, l-impatt ta' dawn il-miżuri ma jkunx magħruf minħabba li hemm nuqqas ta' valutazzjonijiet affidabbli u metodoloġikament b'saħħithom. Minkejja dawn il-miżuri, l-esperti xorta jemmnu li n-nuqqas ta' rapportar inaqqas sew l-effikaċja tas-sistema tal-ġustizzja kriminali. Mhuwiex ċar jekk dan jirriflettix l-ineffikaċja tal-miżuri adottati jew in-nuqqas ta' miżuri speċifiċi mmirati biex jinkoraġġixxu r-rapportar.

**L-opinjoni tal-FRA**

*Meta jiġu adottati miżuri li jippermettu jew li jħeġġu lill-vittmi biex jirrapportaw reat ta' mibegħda lill-pulizija, l-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jiżguraw li l-impatt tal-miżuri fuq in-numru ta' vittmi li jirrapportaw għand il-pulizija jkun evalwat b'mod robust u metodoloġikament b'saħħtu.*

## Żgurar li l-motivi ta' preġudizzju ma jiġux injorati meta jiġu evalwati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi

L-Istati Membri tal-UE huma mitluba jiżguraw li l-motivi diskriminatorji tat-trasgressuri jiġu rreġistrati u meħuda b'serjetà tul il-proċedimenti kollha. Fil-preżent, hawn nuqqas ta' regolamenti u protokolli stretti u vinkolattivi li jobbligaw lill-uffiċjali tal-pulizija jirreġistraw b'mod sistematiku l-indikazzjonijiet kollha tal-motivi ta' preġudizzju. Dan għandu jiġi meħud fil-kuntest tal-obbligu fuq l-Istati Membri, meta jiġu biex jimplimentaw id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li jistabbilixxu l-proċeduri u l-protokolli sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi jiġu evalwati individwalment skont l-Artikolu 22 tad-direttiva. Din il-valutazzjoni tikkunsidra n-natura u ċ-ċirkostanzi tar-reat. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-vittmi li jkunu "sofrew minn reat imwettaq b'motiv preġudikattiv jew diskriminatorju." Għaldaqstant, huwa kruċjali li l-Istati Membri, meta jistabbilixxu proċeduri biex jimplimentaw l-Artikolu 22, joqogħdu attenti dwar jekk ikunx hemm xi indikazzjonijiet li t-trasgressuri kienu mmotivati minn attitudnijiet diskriminatorji.

**L-opinjoni tal-FRA**

*Meta jiġi implimentat l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi dwar il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi, huwa kruċjali li l-Istati Membri tal-UE joqogħdu attenti għall-kwistjoni dwar jekk hemmx xi indikazzjonijiet li r-reat twettaq b'motiv diskriminatorju.*

## Tqajjim tas-sensibilizzazzjoni tal-professjonisti – uffiċjali tal-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin – permezz ta' taħriġ komprensiv dwar ir-reati ta' mibegħda

Waħda mis-sejbiet ewlenin hija li hemm taħriġ insuffiċjenti għall-professjonisti fis-sistema tal-ġustizzja kriminali. Kemm il-pulizija kif ukoll l-imħallfin u l-prosekuturi individwali għandhom nuqqas ta' fehim profond tal-kunċetti relevanti, bħar-reat ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u ċ-ċaħda. Huwa indispensabbli għas-sistema tal-ġustizzja kriminali kollha li tuża lingwaġġ komuni li jippermettilha tidentifika reati ta' mibegħda u tagħmel dawn viżibbli tul il-proċedimenti kriminali.

*"M'hemmx wisq każijiet li jaslu għand is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika bħala diskriminazzjoni, għaliex ħafna każijiet bħal donnhom jisparixxu fl-ammont kbir ta' attakki u mhux dejjem ikun daqshekk ċar li xi ħaġa jkollha motiv ta' diskriminazzjoni. Dan aħna nippruvawh, iżda żgur li kultant jaħrabilna minn idejna, ikolli nammetti."*
(Uffiċjal tal-pulizija, in-Netherlands)

Sejba ewlenija oħra hija li n-nuqqas ta' fehim min-naħa tal-uffiċjali tal-pulizija dwar in-nozzjonijiet, il-kunċetti u l-kategoriji bażiċi użati biex jiġi analizzat ir-reat ta' mibegħda spiss ifixkel l-implimentazzjoni tal-miżuri għall-ġlieda kontra r-reat ta' mibegħda. Sakemm is-servizzi tal-pulizija jonqsu milli jużaw

lingwaġġ li jindirizza b'mod ċar ir-reat ta' mibegħda u li l-membri kollha tas-servizz jifhmu, ser ikun diffiċli li l-politiki jkunu effettivi. L-introduzzjoni u l-ankraġġ organizzattiv sod tal-kunċetti u l-kategoriji fundamentali tar-reati ta' mibegħda – abbażi ta' approċċ tad-drittijiet tal-bniedem u li tiġi kkunsidrata l-każistika tal-QEDB u l-leġiżlazzjoni tal-UE relevanti – huwa l-ewwel pass vitali.

**L-opinjoni tal-FRA**

*F'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, li tobbliga lill-Istati Membri tal-UE biex iħarrġu lill-professjonisti, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-uffiċjali kollha tal-pulizija, il-prosekuturi pubbliċi u l-imħallfin kriminali jifhmu sew il-kunċetti bażiċi tar-reat ta' mibegħda, l-inċitament ta' mibegħda, u ċ-ċaħda – kif applikabbli taħt il-liġi nazzjonali – u għandhom jitħarrġu kif għandhom jindirizzaw reat ta' mibegħda u l-vittmi tiegħu b'mod professjonali. Għal dan il-għan, it-taħriġ għandu jippromwovi sensibilizzazzjoni u sensitizzazzjoni lejn, il-fenomenu tar-reati ta' mibegħda u l-impatt tiegħu fuq il-vittmi; u l-ħiliet meħtieġa biex jiġu rikonoxxuti, rreġistrati u investigati inċidenti bħal dawn.*

## Rikonoxximent tal-aspetti istituzzjonali ta' diskriminazzjoni

Meta jiġu ppjanati u evalwati miżuri li jindirizzaw reat ta' mibegħda, huwa kruċjali li jiġu kkunsidrati aspetti istituzzjonali ta' diskriminazzjoni. Iżjed minn tnejn minn kull ħames professjonisti intervistati stmaw bħala riskjuż ħafna jew pjuttost riskjuż il-fatt li l-uffiċjali tal-pulizija għand min jirrapportaw il-vittmi ta' reat ta' mibegħda, jikkondividu l-attitudnijiet diskriminatorji tat-trasgressuri. Tliet kwarti tal-intervistati jemmnu li t-titjib fir-rapportar jeħtieġ l-indirizzar tal-attitudnijiet diskriminatorji fil-pulizija. Minħabba dan il-livell baxx ta' fiduċja fl-abbiltà u fl-impenn tal-pulizija kontra d-diskriminazzjoni, in-nuqqas ta' ħeġġa tal-vittmi ta' reat ta' mibegħda li jirrapportaw għand il-pulizija mhijiex xi ħaġa sorprendenti. Madankollu, jeħtieġ li jiġi nnotat, li l-evidenza rrapportata hawnhekk tirrappreżenta biss il-fehmiet ta' dawk intervistati, u mhijiex neċessarjament rappreżentattiva tal-pulizija u tal-atturi tal-ġustizzja kriminali kollha fl-Istati Membri kollha.

*"Parti sinifikanti tal-każijiet ma tiġix irrapportata lill-pulizija minħabba biża' minn preġudizzji mill-pulizija, fi bliet żgħar in-nies jafu lill-pulizija u kif indirizzaw is-sitwazzjoni fil-passat. B'riżultat ta' dan, jista' jkollhom biżgħat pjuttost leġittimi li r-rapport tagħhom ma jitteħidx bis-serjetà."* (Servizz ta' appoġġ għall-vittmi, is-Slovakkja)

Filwaqt li f'kull tentattiv li jinkoraġġixxi lill-vittmi jirrapportaw, irid jitqies dan il-fattur, l-attitudnijiet diskriminatorji tal-uffiċjali tal-pulizija ma jistgħux jiġu kkunsidrati f'iżolament. Il-ġlieda kontra dawn l-attidunijiet għandha tifforma element integrali ta' strateġija ta' politika tal-pulizija komprensiva bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem. Dan ma jistax jintlaħaq permezz tat-taħriġ biss. Il-fatt kif servizz tal-pulizija jpoġġi lilu nnifsu fir-rigward ta' reat ta' mibegħda u diskriminazzjoni jinsab fil-qalba tal-missjoni u tal-identità tiegħu stess u għalhekk huwa kwistjoni ta' żvilupp organizzattiv li jikkonċerna, l-ewwel u qabel kollox, lill-mexxejja tal-pulizija.

*"Ħadd qatt ma jinstab ħati, u għandna l-eżempji – il-każ taż-żgħażagħ aggrediti fil-ferrovija tal-metro; dan [il-mod kif l-awtoritajiet tal-investigazzjonijiet kriminali indirizzaw il-każ] bagħat messaġġ skoraġġanti ferm lill-persuni LGBT kollha. […] Naħseb li kieku ftit min-nies li jirrapportaw lill-pulizija jiġu ttrattati tajjeb, b'rispett, u l-ilmenti tagħhom jiġu investigati b'mod korrett, ikun ta' siwi kbir.."* (Servizz ta' appoġġ għall-vittmi, ir-Rumanija)

Jekk il-pulizija ma turix l-impenn tagħha b'mod attiv biex tissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem lill-individwi kollha, il-vittmi ta' reat ta' mibegħda mhumiex ser jiżviluppaw affidabbiltà fl-attitudnijiet tal-uffiċjali tal-pulizija. Sakemm il-vittmi ma jkollhomx il-fiduċja li l-pulizija sejra tirrispetta b'mod ċar u mingħajr ekwivoki d-dinjità tagħhom, mhuwiex ser ikun mistenni titjib sinifikanti fir-rati ta' rapportar. Approċċ tal-pulizija bbażat fuq kultura soda tad-drittijiet tal-bniedem u fuq il-kooperazzjoni, it-trasparenza u l-kontabbiltà lejn il-komunitajiet lokali u l-vittmi ta' reat ta' mibegħda jista' jinkoraġġixxi l-fiduċja tal-pubbliku fil-pulizija u l-fatt li l-vittmi li jirrapportaw reat.

**L-opinjoni tal-FRA**

*F'konformità mal-obbligi tagħhom – skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi – li jiżgura li l-vittmi jiġu rikonoxxuti u ttrattati b'rispett, b'sensittività, indirizzati individwalment, b'mod professjonali u mhux diskriminatorju, l-Istati Membri tal-UE għandhom jaraw li l-vittmi ta' reat ta' mibegħda jkunu jistgħu jirrapportaw għand il-pulizija mingħajr il-biża' li l-uffiċjali tal-pulizija jikkondividu l-attitudnijiet diskriminatorja tat-trasgressuri. Għandhom jadottaw kull miżura neċessarja biex jipprevjenu u jeqirdu dawn l-attitudnijiet fost l-uffiċjali tal-pulizija, inkluż billi jibdlu l-kultura prevalenti tal-pulizija.*

### Teħid b'serjetà tad-diskors ta' mibegħda

L-intervistati enfasizzaw l-impatt negattiv ta' diskors diskriminatorju fuq il-klima tas-soċjetà u enfasizzaw il-lingwaġġ li jużaw il-politiċi waqt il-kampanji elettorali. Il-partiti politiċi jenħtieġ li jiżguraw li d-diskors ta' mibegħda indirizzat kontra gruppi ta' individwi mhuwiex aċċettat.

*"Tkun problema ikbar jekk politiku jagħmel stqarrija diskriminatorja milli jekk stupidu jgħid l-istess ħaġa f'bar".*
(Uffiċjal tal-pulizija, L-Italja)

**L-opinjoni tal-FRA**

*L-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jsaħħu l-konsensus fost l-atturi politiċi li d-diskriminazzjoni mhijiex forma aċċettabbli ta' tilwim politiku u kompetizzjoni politika. Jenħtieġ li jiggarantixxu wkoll aċċess għall-qrati fl-oqsma relevanti kollha tal-liġi.*

Fi 12-il Stat Membru tal-UE, tal-inqas 40% tal-intervistati kkunsidraw iċ-ċaħda tax-Shoah bħala problema pjuttost serja jew serja ħafna. Dan jenfasizza l-importanza tal-Istati Membri li jimplimentaw b'mod komprensiv id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenfobija.

**L-opinjoni tal-FRA**

*L-iskużar, iċ-ċaħda jew li reati ta' ġenoċidju jiġu ttrattati bħala trivjali pubblikament – inkluż l-Olokawst, reati kontra l-umanità u reati ta' gwerra – jinsulta lill-vittmi u l-memorja tagħhom u jsaħħaħ id-diskriminazzjoni tagħhom. L-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jimplentaw bis-sħiħ l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija u jikkunsidraw li jsaħħu l-prattiki relatati f'konformità mal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.*

## Konklużjonijiet

L-isforzi biex jiġu miġġielda reati ta' mibegħda jistgħu jirnexxu biss jekk il-vittmi jirrapportaw id-deni li jġarrbu, u l-bosta atturi responsabbli kollha jagħtu s-sehem tagħhom biex jiżguraw li l-awturi jitressqu quddiem il-ġustizzja. Kif jenfasizza r-rapport, diversi fatturi jipprevjenu milli dan iseħħ.

Dawn jinkludu nuqqasijiet fl-oqfsa legali applikabbli, diffikultajiet biex jinftiehem u jitħaddem il-kunċett ta' reat ta' mibegħda, inċertezzi fir-rigward tas-sinifikat tal-kunċett u t-tifsira għall-organizzazzjoni li fiha jaħdem professjonista, u r-riskji ta' diskriminazzjoni istituzzjonali, li jista' jkollhom impatt devastanti fuq il-fiduċja tal-vittmi u r-rieda tagħhom li jirrapportaw il-vittimizzazzjoni tagħhom.

B'mod iżjed speċifiku, l-intervisti mal-professjonisti jikxfu l-ħtieġa għal:

- leġiżlazzjoni li tkopri b'mod ugwali l-kategoriji kollha tad-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, tittrasponi b'mod sħiħ l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija, u tipprovdi definizzjonijiet speċifiċi tal-liġi kriminali li jkopru l-forom l-aktar frekwenti ta' reat ta' mibegħda;
- l-iżvilupp ta' netwerk affidabbli ta' servizzi ta' appoġġ;

- taħriġ immirat għall-pulizija u għall-professjonisti tal-ġustizzja kriminali;

- miżuri organizzattivi biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-vittmi u jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija jirrikonoxxu l-motivi ta' diskriminazzjoni; u

- tisħiħ ta' salvagwardji istituzzjonali fis-servizzi tal-pulizija biex jiġi żgurat li l-vittmi ta' reat ta' mibegħda jkunu jistgħu jirrapportaw reati mingħajr ma jiffaċċjaw vittimizzazzjoni oħra.

Filwaqt li dawn is-sejbiet jenfasizzaw il-fatt li għad fadal ħafna xi jsir, li jiġu ssodisfati dawn l-isfidi huwa l-uniku mod kif id-dritt għal aċċess għall-ġustizzja tal-vittmi ta' reat ta' mibegħda jsir realtà.




Il-klima soċjali attwali fl-UE titfa' urġenza dejjem ikbar għal sforzi kontra l-fenomenu persistenti tar-reati ta' mibegħda. Għalkemm diversi inizjattivi huma mmirati għal dan ir-reat, ħafna mir-reati ta' mibegħda fl-UE kollha jibqgħu ma jiġux irrapportati u mtellgħin il-qorti, b'hekk iħallu lill-vittmi mingħajr rimedju. Biex din it-tendenza tinbidel, huwa essenzjali li l-Istati Membri jtejbu l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja.

Abbażi ta' intervisti ma' rappreżentanti minn qrati kriminali, uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi, il-pulizija, u l-NGOs involuti f'appoġġ għal vittmi ta' reati ta' mibegħda, dan ir-rapport jixħet dawl fuq l-ostakli diversi li jfixklu l-aċċess tal-vittmi għall-ġustizzja u r-reġistrazzjoni xierqa tar-reat ta' mibegħda. Huwa jippreżenta wkoll żviluppi promettenti fl-UE kollha, u jiddefinixxi l-prekundizzjonijiet istituzzjonali meħtieġa biex jiġu żviluppati politiki effettivi kontra r-reat ta' mibegħda. Permezz ta' fokus fuq il-perspettiva tal-professjonisti, ir-rapport joffri intuwiti importanti bbażati fuq dan il-qasam li jista' jgħin biex jissaħħu l-isforzi biex il-vittmi ta' reat jingħataw is-setgħa.

## Aktar informazzjoni:

Għar-rapport sħiħ tal-FRA – *Ensuring justice for hate crime victims: professional perspectives* – ara http://fra.europa.eu/en/publication/2016/ensuring-justice-hate-crime-victims-professional-perspectives.

Pubblikazzjonijiet relevanti oħra jinkludu:

- FRA (Diċembru 2016), *Antisemitism – Overview of data available in the European Union 2005-2015*, Vjenna, http://fra.europa.eu/en/publication/2016/antisemitism-overview-data-available-european-union-2005-2015
- FRA (Novembru 2016), *Current migration situation in the EU: hate crime*, Vjenna, http://fra.europa.eu/en/publication/2016/current-migration-situation-eu-hate-crime-november-2016
- FRA (Novembru 2016), *Incitement in media content and political discourse in Member States of the European Union*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2016/incitement-media-content-and-political-discourse-member-states-european-union
- FRA (Novembru 2016), *Violence, threats and pressures against journalists and other media actors in the European Union,* il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2016/violence-threats-and-pressures-against-journalists-and-other-media-actors-european
- FRA (2013), *Discrimination and hate crime against Jews in EU Member States: experiences and perceptions of antisemitism,* il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2013/discrimination-and-hate-crime-against-jews-eu-member-states-experiences-and
- Partit ta' Ħidma dwar it-Titjib tar-Rapportar u r-Reġistrazzjoni tal-Kriminalità ta' Mibegħda fl-UE, *Compendium of practices for combating hate crime* http://fra.europa.eu/en/theme/hate- crime/compendium-practices

Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol tal-FRA fil-qasam tar-reati ta' mibegħda huwa disponibbli fuq is-sit web tal-aġenzija: http://fra.europa.eu/en/theme/hate-crime.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2016
Ritratt (qoxra): © Shutterstock

FRA – L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11-1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel: +43 158030-0 – Faks: +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

Print: ISBN 978-92-9491-499-6, doi:10.2811/046734
PDF: ISBN 978-92-9491-535-1, doi:10.2811/019407

TK-06-16-340-MT-C (print); TK-06-16-340-MT-N (PDF)